MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-3 ta' April, 2013

Numru. 133/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Esron Pullicino**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat Esron Pullicino ta' 22 sena, iben Raymond u Lucia nee' Muscat mwieled Pieta` nhar is-16 ta' Jannar 1989 u residenti 77, Triq l-Attakk tal-Francizi, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 47989M:

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, fl-1 ta' Mejju 2011;

1. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (Ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-

miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta’ l-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet Li Ghandhom x’Jaqsmu Maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba u jerga’ lura minnha;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat u l-fedina penali aggornata tieghu li hi kwazi netta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat ir-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, l-Artikoli 40A, 120A (1)(a) u 120A(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet

ta' Malta qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga, Dokument DT, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------